*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

# Tmien Legislatura

## *Laqgħa numru 47*

***17 t' Ottubru 2018***

## *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier

## *Assenti*

Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

## *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *47.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

47.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apologija.

## *47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

47.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *47.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

47.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li l-Kunsill inħariġlu l-permess sabiex jagħmel 'Zebra Crossing' f'Marsa Road. Huwa qal li fl-akwata hemm xi reserved parking ta' disabled u li xi garaxxijiet ser jintlaqtu. Wara diskussjoni qasira ġie miftiehem li l-aħjar post li dan għandhu jsir huwa l-post min fejn jgħaddi d-dawl. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

47.3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill Lokali tal-Marsa ġie avviċinat mill-WasteServ fejn ġie mitlub jagħti dettalji ta' fejn jgħaddi l-kuntrattur tat-tindif bil-għan li jintbagħtu Enforcement Officers sabiex jaraw li r-residenti mhux biss tal-Marsa imma ta' kull lokalita' qedgħda timxi mar-regoli l-ġodda ta' kif jinġabar l-iskart.

## *47.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

47.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ġibed għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kunsill dwar il-problemi relatati mas-sistema l-ġdida tal-ġbir ta' skart u ta' kif ċertu persuni, partikolarment persuni bi tfal zgħar ser ikunu affetwati ħażin. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill bħal ma għamel fl-imgħoddi ser jara kif jirrimedja din is-sitwazzjoni. Fil-fatt huwa kkonferma li l-kuntrattur nhar ta' Tlieta xorta waħda baqa' jiġbor dawk il-boroż is-suwed li jitħallew min persuni għal xi raġuni jew oħra bil-għan li dawn ma jkunux ta' ħsara għas-saħħa tar-residenti tal-madwar.

47.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li tkun ta' għajnuna lir-residenti jekk il-Kunsill jagħmel bħalma diġa' hemm f'kunsilli oħra, u jpoġġi skips barra sabiex nevitaw li dan it-tip ta' skart jintrema' barra. Huwa żied jgħid li kun idejali jekk ikun hemm żewġ siti ta' fejn dawn l-

iskips jitpoġġew, waħda fin-naħa ta' fuq u l-oħra fin-naħa t'isfel. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill m'għandhu l-ebda problema sabiex jgħaddi dawn is-suggerimenti lill-kuntrattur sabiex naraw dak li jista' jsir.

47.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer informa lill-Kunsill li hemm bżonn li jsir xi ħaġa għall-anzjani li ħafna minnhom qed isib diffikulta' jitilgħu l-Ħamrun sabiex jużaw is-servizzi tal-Labour Office. Il-Kunsill għandhu bżonn jinforma l-awtoritajiet kompetenti sabiex tissolva din il-problema. Soluzjoni waħda tkun li l-Kunsill joffri transport lill-anzjani li mill-Marsa jeħodhom il-Ħamrun. Soluzjoni oħra tkun li ssiru diskussjonijiet sabiex jerġa jiġi l-Labour Office fil-lokal u l-berġa tiċċaqlaq. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ser ikun qed jagħmel komunikat mall-awtoritajiet kompetenti sabiex tinstab soluzjoni dejjiema.

47.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab sabiex il-Kunsill jinforma lill-Onorevoli Silvio Parnis biex jekk għandhu l-fondi ikun jista' jiffinanzja t-tisbieħ ta' ġnien fil-lokalita' dan wara li t-tisbieħ ta' Ġnien Belvedere ser ikun qed jiġi ffinanjzat mill-Ministeru tal-Onorevoli Jose' Herrera. Is-Sindku qal li fil-jiem li ġejjin il-Kunsill ser ikun qed jagħmel komunikat miegħu sabiex issir laqgħa għal dan il-għan.

## *47.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

47.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *47.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

47.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Marsa Trinity AFC qed tistaqsi l-Kunsill jekk huwiex interessat li jagħmel riklam fuq il-kalendarju. Ir-riklam jiswa €100. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

47.6.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li s-Sur Joe Mifsud li huwa kandidat li ser jikkontesta l-elezzjoniji għal Parlament Ewropew, jixtieq li jiltaqa' mall-Kunsill sabiex jintroduċi ruħu u jirrispondi għal dawk il-mistoqsijiet li jistgħu jiġu ndirizzati lilu. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

47.6.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qara l-email li bgħat s-Sur Joseph Sammut tal-kumpanija Correct Termination sabiex jispjega x'kienu l-problemi fl-awdjo matul il-laqgħa tal-Kunsill numru 45 li saret fid-19 ta' Settembru.

## *47.7 Quarterly Financial Report Lulju – Settembru 2018 (Q3)*

47.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert sabiex jgħati d-dettalji tal-andament finanzjarju tal-Kunsill matul il-perjodu ta' Lulju u Settembru ta' din is-sena. Matul dan il-perjodu rajna li l-andament finanzjarju tal-Kunsill kien wieħed pożittiv hekk kif ġie rreġistrat surplus ta' ftit aktar min €25,000. Jekk wieħed jidħol fil-figuri jiġi nnottat li l-akbar ammont ta' fondi komplew ikunu dawk ingħatati mill-Gvern Ċentrali filwaqt l-infieq ewlieni tal-Kunsill matul dan il-perjodu baqa' jkun it-tindif u l-ġbir ta' skart, apparti li jingħata servizz addizzjonali ta' diversi inħawi li min żmien għall-ieħor ikollu bżonn it-tindif. Is-Segretarju tenna li l-finanzji tal-Kunsill huma b'saħħithom u stabbli. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta d-dokument lill-Membri preżenti. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *47.8 Ħruġ ta' kwotazzjoni għal ħadid tal-bandli*

47.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li bħalma ġie diskuss f'seduti imgħoddija hemm bżonn li l-playingfield tat-tfal li jinsab taħt il-bini tal-Kunsill jingħalaq bil-ħadid sabiex wara l-ħinijiet li jużawħ it-tfal dan ikun jistgħa jingħalaq sabiex jinqataw għal kollox l-abbuzzi li ġieli jsiru fihom. Filwaqt li ħadd min dawk preżenti ma kellhom oġġezzjoni, s-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex joħroġ sejħa għall-kwotazzjoni skond kif titlob il-liġi biex dan il-ħadid isir. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *47.9 Installazjoni ta' Żewġ Kameras*

47.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono reġa' għamel referenza għal bżonn li jitwaħħlu żewġ kameras li ser jitwaħħlu fuq il-Pont San Tumas u li dawn ser qed jiġu mwaħħla fil-gimgħat li ġejjin. Is-Sindku qal wkoll li fil-jiem li għaddew il-Kunsill talab lill-Prim Ministru sabiex ikun hemm aktar kameras fil-lokalita'. Ir-risposta tal-Prim Ministru kien fl-affermattiv fejn huwa kkonferma li fil-futur ser jiġu nstallati diversi kameras fil-lokalita'. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *47.10 Attivita' għall-anzjani fi żmien il-Milied*

47.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab il-Kunsill dwar il-possibilita' li l-Kunsill jagħmel attivita' għall-anzjani fi żmien il-Milied, idejalment fid-19 ta' Diċembru. Din l-attivita' ser tkun tikkonsisti f'serata ta' kant, ikel u rigali. Sadanittant, dwar l-ikel il-Kunsill ser ikun qed iħalli f'idejn l-amministrazjoni tal-Kunsill sabiex dan jiġi ordnat min kumpanija li jkolla l-aħjar prezz. Il-Kunsill ser ikun qed jiddelega lis-Sinjura Sonya Attard biex għal dawn iż-żewġ okkazjonijiet sew tat-tfal kif ukoll tal-anzjani tintrema s-sala tal-Kunsill bl-armar tal-Milied. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *47.11 Party għall-Milied għat-tfal*

47.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq lill-Membri tal-Kunsill proposta ta' party tal-Milied għat-tfal Marsin idejalment fit-28 ta' Diċembru. Din l-attivita' ser tkun tikkonsisti fi program ta' animation u entertainment kif ukoll ikel. Hawnhekk ukoll il-Kunsill ser ikun qed iħalli f'idejn l-amministrazjoni tal-Kunsill sabiex dan jiġi ordnat min kumpanija li jkolla l-aħjar prezz. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit daħal fis-seduta fis-6.45pm

47.11.2 Fir-rigward tal-attivitajiet tal-Milied il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex fil-ġurnata tas-16 ta' Diċembru itella Christmas Village fil-lokalita' li jkun jinkludi daqq mill-baned tal-lokal fil-Pjazza G.F Abela, l-Guggen Band, stalls tal-ikel u attivitajiet oħra relatati mall-Milied mill-kumpanija Leon Promotions. Għal din l-attivita' ser ikun qed jieħu ħsieb kollox il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *47.12 Tkomplija ta' dawl fit-Toroq*

47.12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Membri tal-Kunsill dwar il-bżonn li jitkomplew jitwaħħlu l-bozoz LEDs fit-toroq tal-localita', dawn it-toroq huma l-akwata tal-Bank of Valletta u l-madwar, Triq Xemxija u Triq Nerik Sacco u diversi toroq oħra. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *47.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

47.13. Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm u ġiet aġġornata għad-13 ta' Novembru 2018 fill-6.15pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Francis Debono
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermata llum 17 t'Ottubru 2018